# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 10**

**Avviz numru 998/01/SM**

**Maria Concetta sive Mary Pace**

**vs**

**The Production House Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000.00,0) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti self brevi manu moghti lilha da parti tal-attrici;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju Nru 3525/01 u hmistax-il lira Maltin (LM15) spejjez ta' tlett ittri legali u bl-imghaxijiet legali kkalkolati mit-22 a' Novembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fis-17 ta' Jannar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**